**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 31**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien assenti b'apoloġija u l-Viċi Ċerpersin kien assenti wkoll, ippresieda l-laqgħa l-aktar membru anzjan, is-Sur George Attard.**

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| | | |
|---|---|---|
| 31.1.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. | Qari tal-ittri ta' apoloġiji |
| **31.2** | **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B28** | |
| 31.2.1 | Il-minuti tas-seduta numru B28 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur George Attard u mis-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B28 |
| **31.3** | **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 29** | |
| 31.3.1 | Il-minuti tas-seduta numru 29 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur George Attard u mis-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 29 |
| **31.4** | **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 30** | |
| 31.4.1 | Il-minuti tas-seduta numru 30 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur George Attard u mis-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 30 |
| **31.5** | **Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin** | |
| 31.5.1 | Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni miċ-Ċerpersin x'tiġi diskussa. | Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin |
| **31.6** | **Mozzjoni 01/2016 – 'Mozzjoni biex issir talba lill-'Malta Communications Authority' sabiex issir installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-pjazza tal-Baħrija'** | |
| 31.6.1 | Peress li l-Viċi Ċerpersin li ppropona din il-mozzjoni ma kienx preżenti għal-laqgħa, tali mozzjoni ser terġa' tittella' fuq l-aġenda li jmiss. | Mozzjoni 01/2016 – Mozzjoni biex issir installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-Pjazza tal-Baħrija |
| **31.7** | **Mozzjoni 01/2017 – 'Mozzjoni biex isir bank mill-ġdid quddiem il-knisja tal-Kunċizzjoni'** | |
| 31.7.1 | Is-Sur George Attard ippropona mozzjoni numru 0001/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sra Marthese Cortis fl-assenza tas-Sur Anġlu Portelli. | Mozzjoni 01/2017 – Mozzjoni biex isir bank mill-ġdid quddiem il-knisja |

Wara diskussjoni li saret dwar din il-mozzjoni, il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu. tal-Kunċizzjoni

**31.8 Approvazzjoni tal-istemma tal-Kumitat Amministrattiv**

31.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat komunikat mibgħut mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar l-istemmi tal-Kumitati Amministrattivi. Aprovazzjoni tal-istemma tal-Kumitat Amministrattiv

Wara diskussjoni li saret, is-Sra Marthese Cortis ipproponiet li l-Kumitat japprova l-istemma magħżula mill-Kumitat preċedenti u għaldaqstant tintbagħat għall-approvazzjoni tal-Ministru. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard.

** **Is-Sur Anġlu Portelli daħal għal-laqgħa fis-5.40 ta' filgħaxija.**

**31.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

31.9.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-5.45 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ........................... ........... ta'.......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| **Paul Grech** | **Orietta Cardona** |
| **Ċerpersin** | **Segretarju Eżekuttiv** |